Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 119 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbilità.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha fi kwalunkwe impriża jew parti minn impriża li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu għalkollox jew prinċipalment f'manifattura ta' prodotti tat-tafal, tal-fuħħar, tal-fajjenza, tal-kina, taċ-ċeramika, tal-ħġieġ, tal-oġġetti tal-ħġieġ, tal-mirja, tal-wiri u tat-tabelli ta' reklami magħmula minn kwalunkwe materjal, inklużi tabelli tan-neon signs, fibreglass, prodotti tal-fibreglass u prodotti ornamentali tal-ġebel:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att ;

"ġurnata" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttivi għal impjegati bix-xift:

Iżda fil-każijiet l-oħra kollha perjodu li jibda minn nofs il-lejl (12.00a.m.) ta' jum sa nofs il-lejl (12.00a.m.) tal-jum ta' wara;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"għassies" tfisser persuna li tħares il-proprjetà tal-prinċipal tagħha kontra ħruq, serq, dħul mhux awtorizzat u kontinġenzi oħra simili;

"ħin doppju" tfisser d-doppju tar-rata attwali tal-ħin li titħallas lill-impjegat;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs tar-rata attwali tal-ħin li titħallas lill-impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat bix-xift" tfisser impjegat li huwa ingaġġat b'xift ta' ġurnata xogħol bi nhar u ġurnata xogħol bil-lejl fuq bażi ta' ċiklu regolari;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu ta' tnax (12)-il siegħa konsekuttivi li jispiċċa fis-1.00 p.m. jew fis-1.00 a.m.;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

"perjodu tal-impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol;

L.S. 452.87.

"xift bil-lejl" tfisser perjodu ta' impjieg li jinkludi fih

kwalunkwe sigħat mill-10.00 p.m. ta' ġurnata sas-6.00 a.m. tal-ġurnata ta' wara.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. Il-paga minima fil-ġimgħa għandha tkun fir-rigward ta' ġimgħa ta' mhux aktar minn:

(a) erbgħin (40) siegħa xogħol fil-każ ta' impjegati whole-time għajr għassiesa mifruxa fuq ġimgħa ta' ħamest (5) ijiem;

(b) tnejn u ħamsin (52) siegħa xogħol fil-każ ta' għassiesa mifruxa fuq ġimgħa ta' sitt (6) ijiem.

Pagi minimi ta' impjegati whole-time.

4. (a) L-impjegati whole-time fl-industrija, għajr għassiesa, għandhom ikunu intitolati għal paga minima fil-ġimgħa ta' mitejn, disgħa u għoxrin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€229.44).

(b) L-għassiesa għandhom jitħallsu paga minima fil-ġimgħa ta' mitejn u tmienja u disgħin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€298.27).

Rata għal xift ta' billejl.

5. L-impjegati whole-time ingaġġati fuq xift ta' billejl għandhom, fil-waqt li jkunu hekk ingaġġati, jitħallsu bir-rata fis-siegħa, li għandha tkun daqs darba u parti minn sitta (1+ ⅙) tar-rata attwali pagabbli lill-impjegat. Tali rata ogħla għandha titqies bħala r-rata attwali tal-ħin għall-fini li jiġi kkalkulat l-ammont ta' kwalunkwe sahra li titħallas skont tal-artikolu 9 fir-rigward ta' kwalunkwe sigħat li nħadmu matul xift ta' billejl.

Allowance tal-uniformi.

6. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ mill-prinċipal li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) Tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mingħajr l-ebda ħlas mill-prinċipal.

L-inqas ħin ta' mistrieħ ta' kuljum.

7. Impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux anqas minn siegħa (1) b'kollox f'kwalunkwe ġurnata.

Mistrieħ minimu fil-ġimgħa.
L.S. 452.87.

8. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Rati minimi ta' sahra.

9. (1) Fil-każ tal-impjegati kollha, għajr għassiesa, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq mill-ħin tas-soltu tal-

istabbiliment fi kwalunkwe ġurnata mit-Tnejn sas-Sibt .....ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu maħdum fil-Ħdud jew fil-festi tas-soltu .....ħin doppju;

(ċ) eskluża minn kwalunkwe sahra li titħallas skont il-paragrafi (a) u (b), għas-sigħat kollha maħduma 'l fuq minn erbgħin (40) siegħa f'ġimgħa waħda ..... ħin u nofs.

(2) Fil-każ ta' għassiesa s-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'l fuq minn tnejn u ħamsin (52) siegħa f'ġimgħa waħda ..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu maħdum fil-ġurnata tal-mistrieħ jew f'festa tas-soltu .....ħin doppju.

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

10. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Leave għal mard.

Kap. 318.

11. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' għaxart (10) ijiem leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

Kap. 318.

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(2) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandu japplika mill-ewwel (1) jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmi jedd għandu jiġi kkalkulat *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(3) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(4) Il-jedd ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. L.S. 452.87.

Ħin ta' stennija.

12. L-impjegat għandu jkun intitolat għall-ħlas tal-paga attwali applikabbli għalih għall-ħinijiet kollha li matulhom jkun preżenti fil-fond tal-prinċipal jew xi mkien ieħor, sakemm ma jkunx preżenti hemm f'waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-permess espress jew impliċitu tal-prinċipal;

(b) għal xi raġuni li ma hijiex relatata max-xogħol tiegħu u ma jkunx qiegħed jistenna li jiġi assenjat lilu xi xogħol;

(ċ) unikament għar-raġuni tal-fatt li hu residenti hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet tal-ikel tas-soltu f'kamra jew f'post fejn ma jkun qed jitwettaq l-ebda xogħol jew mhux qiegħed jistenna li xi xogħol jiġi assenjat lilu.

Tipi ta' leave oħra.

13. L-impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'regolamenti magħmula taħt l-Att. L.S. 452.101.

Tħassir u riżervi. L.S. 452.32. L.S. 452.49.

14. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ u L-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ biex jirregola l-Pagi huma b'dan imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.